MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 39/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Nicholas Zammit, 27 sena, bin John u Rose nee' Camilleri,**
**imwieled il-Kanada, nhar il-15 ta' Gunju, 1982, residenti fil-fond**
**Australian Waratha, Flat 1, Ghajnsielem u/jew St Anne Court,**
**Fl 4, Triq San L:awrenz, San Lawrenz, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 75395(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Nicholas Zammit li gie akkuzat talli nhar is-07 ta' Marzu 2010, u sentejn ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, go Australian Waratha, Flat 1, Triq Malta, Ghajnsielem;

**a)** Akkwista, kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa sustanza irritanti li huma projbiti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3, Shedule 1 Subartikolu 8, 51(1)(b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' mitejn u erbgha u tletin ewro (€234) li ghandha tithallas f'ghaxar (10) rati mensili ta' tlieta u ghoxrin ewro (€23) il-wahda bl-ewwel pagament dovut sal-ahhar ta' Frar, 2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------